

32001D2455

15.12.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 331/1

**ID-DEĊIŻJONI Nru 2455/2001/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**  
**ta' l-20 ta' Novembru 2001**  
**li tistabbilixxi l-lista ta' sostanzi prijoritarji fil-qasam tal-politika ta' l-ilma u li temenda d-Direttiva**  
**2000/60/KE**  
**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(2)</sup>,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Huma u jaġixxu bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat <sup>(3)</sup>,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 76/464/KEE ta' l-4 ta' Mejju 1976 dwar it-tniġġis ikkawżat minn ċerti sustanzi perikolużi skarikati fl-ambjent akwatiku tal-Komunità <sup>(4)</sup> u d-Direttivi adottati fl-istruttura tagħha bħalissa jirrappreżentaw l-aqwa strument Komunitarju għall-kontroll ta' l-emissjonijiet ta' sustanzi perikolużi minn punti stabbli jew imxerrda.
- (2) Il-kontrolli tal-Komunità taħt id-Direttiva tal-Kunsill 76/464/KEE ġew sostitwiti, armonizzati u aktar żviluppatti bid-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi struttura għall-azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma <sup>(5)</sup>,
- (3) Taħt id-Direttiva 2000/60/KE miżuri speċifiċi għandhom jiġu adottati fl-ivell Komunitarju kontra t-tniġġis ta' l-ilma minn inkwinanti individwali jew minn gruppi ta' inkwinanti li jippreżentaw riskju sinifikanti għal jew permezz ta' l-ambjent akwatiku, inklużi riskji bħal dawn lil ilmijiet użati biex jinkiseb l-ilma tax-xorb. Dawn il-miżuri huma mmirati għat-tnaqqis progressiv u, għal sustanzi perikolużi prijoritarji, kif definiti fit-tieni sentenza tal-punt 30 ta' l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/60/KE, għall-eliminazzjoni

jew għat-tnaqqis bil-mod ta' dawn l-effluwenti, l-emissjonijiet jew it-tnixxijiet fi żmien 20 sena mill-adozzjoni fil-livell Komunitarju, bl-għan aħħari, kif rikonoxxut fil-kuntest tal-kisba ta' l-għanijiet tal-ftehim internazzjonali rilevanti, biex jintlaħqu konċentrazzjonijiet fl-ambjent Marittimu li javviċina l-valuri ta' l-isfond għas-sustanzi li jinsabu fin-natura u qrib iż-zero għas-sustanzi sintetiċi magħmula mill-bniedem. Bil-għan li jiġu adottati dawn il-miżuri, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita, bħala l-Anness X għad-Direttiva 2000/60/KE, lista tas-sustanzi prijoritarji, inklużi s-sustanzi prijoritarji perikolużi. Il-lista tħejjiet billi tqiesu r-rakkomandazzjonijiet imsemija fl-Artikolu 16(5) tad-Direttiva 2000/60/KE.

- (4) Fil-każ ta' sustanzi li jinsabu fin-natura, jew li jinħolqu permezz ta' proċessi naturali, bħalma huma l-kadmju, il-merkurju u l-idrokarburi poliaromatiċi (PAHs), l-eliminazzjoni kompleta ta' l-emissjonijiet, l-effluwenti jew it-tnixxijiet mis-sorsi potenzjali huwa impossibbli. Meta d-direttivi rilevanti jsiru, din is-sitwazzjoni għandha titqies kif imiss u l-miżuri għandhom ikunu mmirati għall-waqfien ta' l-emissjonijiet, l-effluwenti u t-tnixxijiet fl-ilma ta' daww is-sustanzi prijoritarji perikolużi li jiġu mill-attivitajiet umani.
- (5) Id-Direttiva 2000/60/KE tintroduċi fl-Artikolu 16(2) metodoloġija xjentifikament ibbażata għall-għażla tas-sustanzi prijoritarji skond ir-riskju sinifikanti tagħhom għal jew permezz ta' l-ambjent akwatiku.
- (6) Il-metodoloġija spjegata fid-Direttiva 2000/60/KE tagħmel possibbli, bħala għażla mill-aktar Prattika, l-applikazzjoni ta' proċedura ta' stima simplifikata bbażata fuq ir-riskju imsejsa fuq prinċipji xjentifiċi li jqisu b'mod partikolari:
  - evidenza rigward il-perikolu intrinsiku tas-sustanza konċernata, u b'mod partikolari, l-ekotossiċità partikolari tagħha u t-tossiċità tagħha għall-bniedem meta jiġi espost għalihom permezz ta' rotot akwatiċi,
  - l-evidenza mill-monitoraġġ ta' kontaminazzjoni ambjentali mifruxa,
  - u fatturi oħra ppruvati li jistgħu jindikaw il-possibilità ta' kontaminazzjoni ambjentali mxerrda, bħalma hi l-produzzjoni, il-volum ta' l-użu u l-modalità ta' l-użu tas-sustanza konċernata.

<sup>(1)</sup> ĠU C 177 E, tas-27.6.2000, p. 74 u ĠU C 154 E, tad-29.5.2001, p. 117.

<sup>(2)</sup> ĠU C 268, tad-19.9.2000, p. 11.

<sup>(3)</sup> L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Mejju 2000 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Ottubru 2001.

<sup>(4)</sup> ĠU L 129, tat-18.5.1976, p. 23. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2000/60/KE (ĠU L 327, tat-22.12.2000, p.1).

<sup>(5)</sup> ĠU L 327, tat-22.12.2000, p. 1.

- (7) Il-Kummissjoni żviluppat, fuq din il-bażi, skema ta' ssettjar ta' prijorità bbażata fuq il-monitoraġġ u bbażata fuq l-immodellar (COMMPS), b'kollaborazzjoni ma' esperti tal-partijiet interessati, waqt li tinvolvi l-Kumitat Xjentifiku għat-Tossiċità, l-Ekotossiċità u l-Ambjent, l-Istati Membri, il-pajjiżi ta' l-EFTA, l-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent, l-assoċjazzjonijiet kummerċjali Ewropej inklużi dawk li jir-rappreżentaw intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-organizzazzjonijiet ambjentali Ewropej.
- (8) Il-Kummissjoni għandha tinvolvi fil-proċedura tal-COMMPS il-pajjiżi li huma kandidati għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea, waqt li tagħti prijorità lil dawk li mit-territorju tagħhom jgħaddu ilmiġiet li jgħaddu wkoll minn, jew li jferrgħu fit-territorju ta' Stat Membru.
- (9) Lista tal-bidu ta' 33 sustanza prijoritarja jew ta' gruppi ta' sustanzi ntgħażlet fuq il-bażi tal-proċedura COMMPS, wara diskussjoni pubblika miftuħa u trasparenti mal-partijiet interessati.
- (10) L-adozzjoni bil-ħeffa ta' din il-lista hija ta' min jixtieqha biex issir possibbli l-implimentazzjoni fil-ħin u kontinwa tal-kontrolli Komunitarji ta' sustanzi perikolużi u ta' ħsara skond l-istrategġija stabbilita fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 2000/60/KE, b'mod partikolari l-proposta għall-kontrolli kif spjegata fl-Artikolu 16(6) u l-proposti għall-istandards ta' kwalità kif spjegati fl-Artikolu 16(7) biex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva.
- (11) Il-lista tas-sustanzi prijoritarji adottata taħt din id-Deċiżjoni għandha tissostitwixxi l-lista ta' sustanzi fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1982 dwar is-sustanzi perikolużi li jistgħu jiġu inklużi fil-Lista 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 76/464/KEE<sup>(1)</sup>.
- (12) Skond l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2000/60/KE, l-identifikazzjoni tas-sustanzi perikolużi teħtieġ li titqies l-għażla tas-sustanzi ta' tħassib fil-leġislazzjoni Komunitarja rilevanti rigward is-sustanzi perikolużi jew il-ftehim internazzjonali rilevanti. Is-sustanzi perikolużi jiġu definiti f'dik id-Direttiva bħala sustanzi jew gruppi ta' sustanzi li "ma jkunux tossiċi jew li aktarx ma jakkumulawx bijoloġikament, u sustanzi jew gruppi oħra li jqanqlu livell ekwivalenti ta' tħassib".
- (13) Il-ftehim internazzjonali ta' relevanza jinkludi inter alia l-Konvenzjoni OSPAR għall-Protezzjoni ta' l-Ambjent Marittmu tal-Grigal ta' l-Atlantiku, il-Konvenzjoni HELCOM għall-Protezzjoni ta' l-Ambjent Marittmu tal-Baħar Baltiku, il-Konvenzjoni ta' Barċellona għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran kontra t-Tniġġis, il-Konvenzjonijiet adottati fi ħdan l-Organizzazzjoni Internazzjonali, il-Konvenzjoni UNEP kontra Inwinanti Organiċi Persistenti u l-Protokoll dwar l-Inkwinanti Organiċi Persistenti tal-Konvenzjoni UN-ECE dwar it-Tniġġis ta' l-Arja Transkonfinanti fuq Medda Twila.
- (14) L-għażla ta' sustanzi prijoritarji u l-identifikazzjoni ta' sustanzi prijoritarji perikolużi immirati għat-twaqqif ta' kontrolli dwar l-emissjoni, l-effluwenti u t-tixxijiet sa jikkontribwixxu għall-għanijiet u għall-impenji Komunitarji skond il-konvenzjonijiet internazzjonali għall-protezzjoni ta' l-ibħra marittimi, b'mod partikolari għall-implimentazzjoni ta' l-Istrategġija fir-rigward ta' sustanzi perikolużi adottata fil-Laqgħa Ministerjali OSPAR taħt il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' l-ambjent marittmu fil-Grigal ta' l-Atlantiku skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/249/KE<sup>(2)</sup>.
- (15) L-identifikazzjoni ta' sustanzi prijoritarji perikolużi fil-lista ta' sustanzi prijoritarji għandha ssir fir-rigward, inter alia, ta' sustanzi perikolużi miftiehma għall-fażi eliminatorja jew għall-waqfien ta' l-effluwenti, l-emissjonijiet u t-tnixxijiet fil-ftehim internazzjonali, bħalma huma s-sustanzi perikolużi li hemm ftehim dwarhom fil-fażi eliminatorja fil-fora internazzjonali inklużi l-IMO, l-UNEP jew l-UN-ECE; sustanzi perikolużi li hemm ftehim dwarhom għall-waqfien ta' effluwenti, emissjonijiet tnixxijiet bħala prijorità tal-Konvenzjoni OSPAR, inklużi sustanzi perikolużi identikati mis-Selezzjoni I<sup>(3)</sup> jew III<sup>(4)</sup> taħt l-Istrategġija OSPAR DYAMEC; sustanzi perikolużi li jqanqlu "livell ekwivalenti ta' tħassib" bħala sustanzi li huma persistenti, velenużi jew li aktarx jakkumulawx bijoloġikament (PTB's), bħalma huma l-*edocrine disruptors*; u metalli tqal inklużi fil-Protokoll dwar il-Metalli Tqal tal-Konvenzjoni UNE-CE fuq it-Tniġġis Transkonfinanti ta' l-Arja fuq Medda Twila u magħżula għall-azzjoni prijoritarja taħt l-OSPAR 1998 u 2000 li jqanqlu "livell ekwivalenti ta' tħassib" bħala PTB's.
- (16) Biex il-miżuri fil-għieda kontra t-tniġġis ta' l-ilma jsiru aktar effettivi, il-Kummissjoni għandha tippromwovi s-sinkronizzazzjoni tar-riċerka u tal-konklużjonijiet effettwati fl-istruttura tal-Konvenzjoni OSPAR u tal-Proċedura COMMPS.
- (17) Il-proċedura COMMPS hija ddisinjata bħala strument dinamiku għall-prijoritizzazzjoni ta' sustanzi perikolużi u ta' ħsara li hija suxxettibbli għal titjib u żvilupp kontinwu bil-għan ta' reviżjoni u adattazzjoni ta' l-ewwel lista ta' sustanzi prijoritarji mhux aktar tard minn erba' snin wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva KE 2000/60 u talanaqas kull erba' snin minn hemm 'il quddiem. Biex jiġi żgurat li s-sustanzi potenzjalment prijoritarji jitqiesu mill-proċess ta' għażla li jmiss, huwa essenzjali li ebda sustanza ma tiġi eskluża sistematikament, li l-aħjar tagħrif disponibbli jitqies, u li l-kimiki u l-pestiċidji kollha fis-suq ta' l-EU u s-sustanzi kollha identifikati bħala "ta' ħsara" mill-OSPAR jiġu inklużi fil-proċess ta' l-għażla.

(2) ĠU L 104, tat-3.4.1998, p. 1.

(3) Mhux inerentement biogradabbli u log Kow (*octanol-water coefficient*)  $\geq 5$  jew BCF (*bioconcentration factor*)  $\geq 5\ 000$  u *acute aquatic toxicity*  $< 0,1$  mg/l jew mammalian CMR (karċinoġeniċità, mutaġeniċità u tossiku għar-riproduzzjoni).

(4) Mhux inerentement biogradabbli u log Kow  $\geq 4$  or BCF  $\geq 500$  u tossiċità akwatika akuta  $< 1$  mg/l jew CMR mammalja).

(1) ĠU C 176, ta' l-14.7.1982, p. 3.

- (18) L-effettività tal-COMMPS tiġi l-aktar stabbilita mid-disponibilità tad-*data*. Il-leġislazzjoni preżenti fuq is-sustanzi kimiċi nstabt li tbat minn nuqqas kbir ta' *data*. L-iskop tad-Direttiva 2000/60 KE jista' jintlaħaq kollu kemm hu biss jekk tiġi żgurata disponibilità sħiħa billi tiġi riveduta l-leġislazzjoni Komunitarja fuq is-sustanzi kimiċi.
- (19) Ir-referenza għall-proċedura COMMPS ma tipprekludix il-possibilità li l-Kummissjoni tista' tuża metodi biex tiġi stmata l-ħsara ta' ċerti sustanzi li diġà ġew żviluppjati jew użati f'miżuri oħra kontra t-tniġġis.
- (20) B'konformità ma' l-Artikolu 1(ċ) tad-Direttiva 2000/60/KE, ir-reviżjoni futura tal-lista tas-sustanzi prijoritarji taħt l-Artikolu 16(4) ta' dik id-Direttiva sa jikkontribwixxu għall-waqfien ta' l-emissjonijiet, l-effluwenti u t-tnixxijiet tas-sustanzi kollha ta' ħsara sa l-2020 billi progressviament iżidu mal-lista aktar sustanzi.
- (21) Matul ir-reviżjoni u l-adattazzjoni tal-lista tas-sustanzi prijoritarji, b'żieda mal-proċedura COMMPS aktar żviluppata, għandhom jitqiesu bħala approprijati r-riżultati tar-reviżjonijiet taħt id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 rigward it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti <sup>(1)</sup>, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 tat-23 ta' Marzu 1993 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti <sup>(2)</sup>, id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 98/8/KE tas-16 ta' Frar 1998 rigward it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bioċidi <sup>(3)</sup> u possibilmment informazzjoni xjentifika oħra mir-reviżjoni tad-direttivi eżistenti jew ta' dawk ġodda, b'mod partikolari fi ħdan l-istruttura tal-leġislazzjoni fuq il-kimilki. Reviżjonijiet duplikati ta' sustanzi għandhom jiġu evitati minħabba l-ispejjeż involuti. Filwaqt li jiġu adattati l-listi għandu jkun possibbli li tiġi stabbilita pożizzjoni prijoritarja inferjuri kif ukoll li sustanza titqiegħed f'kategorija ogħla

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-lista ta' sustanzi prijoritarji inklużi s-sustanzi identifikati bħala sustanzi prijoritarji ta' ħsara, kif previst fl-Artikolu 16(2) u (3) tad-Direttiva 2000/60/KE, qiegħda b'hekk tiġi adottata. Din il-lista, kif tidher fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni, għandha tiżdied mad-Direttiva 2000/60/KE bħala l-Anness X.

*Artikolu 2*

Il-lista ta' sustanzi prijoritarji stabbiliti minn din id-Deċiżjoni għandha tissostitwixxi l-lista ta' sustanzi fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ġunju 1982.

*Artikolu 3*

Biex jiġi żgurat li jitqiesu s-sustanzi potenzjali kollha, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-*data* relatata ma' sustanzi u espożizzjoni li tkun meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura COMMPS tkun disponibbli.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*Artikolu 5*

Dan id-Deċiżjoni qed tiġi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-20 ta' Diċembru 2001.

*Għall-Parlament Ewropew*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

*Il-President*

N. FONTAINE

A. NEYTS-UYTTEBROECK

<sup>(1)</sup> ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2001/49/KE (ĠU L 176, tad-29.6.2001, p.1).

<sup>(2)</sup> ĠU L 84, tal-5.4.1993, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 123, ta' l-24.4.1998, p. 1.

## L-ANNEX

## "L-ANNEX X

## LISTA TA' SUSTANZI PRIJORITARJI FIL-QASAM TAL-POLITIKA TA'L-ILMA (\*)

	in-numru SAK (1)	in-numru UE (2)	L-isem tas-sustanza prijoritarja	Identifikata bħala sustanza ta' ħsara
(1)	15972-60-8	240-110-8	Alachlor	
(2)	120-12-7	204-371-1	Anthracene	X (***)
(3)	1912-24-9	217-617-8	Atrazine	(X) (***)
(4)	71-43-2	200-753-7	Benżina	
(5)	mhix applikabbli	mhix applikabbli	Brominated diphenylethers (**)	X (****)
(6)	7440-43-9	231-152-8	Il-kadmju u l-komposti tiegħu	X
(7)	85535-84-8	287-476-5	C <sub>10-13</sub> -chloroalkanes (**)	X
(8)	470-90-6	207-432-0	Chlorfenvinphos	
(9)	2921-88-2	220-864-4	Chlorpyrifos	(X) (***)
(10)	107-06-2	203-458-1	1,2-Dichloroethane	
(11)	75-09-2	200-838-9	Dichloromethane	
(12)	117-81-7	204-211-0	Di(2-ethylhexyl)phthalate (DEHP)	(X) (***)
(13)	330-54-1	206-354-4	Diuron	(X) (***)
(14)	115-29-7	204-079-4	Endosulfan	(X) (***)
	959-98-8	mhix applikabbli	(alpha-endosulfan)	
(15)	206-44-0	205-912-4	Fluoranthene (****)	
(16)	118-74-1	204-273-9	Hexachlorobenzene	X
(17)	87-68-3	201-765-5	Hexachlorobutadiene	X
(18)	608-73-1	210-158-9	Hexachlorocyclohexane	X
	58-89-9	200-401-2	(gamma-isomer, Lindane)	
(19)	34123-59-6	251-835-4	Isoproturon	(X) (***)
(20)	7439-92-1	231-100-4	Iċ-ċomb u l-komposti tiegħu	(X) (***)
(21)	7439-97-6	231-106-7	Il-merkurju u l-komposti tiegħu	X
(22)	91-20-3	202-049-5	In- naftalina	(X) (***)
(23)	7440-02-0	231-111-4	In-nikil u l-komposti tiegħu	

	in-numru SAK (1)	in-numru UE (2)	L-isem tas-sustanza prijoritarja	Identifikata bħala sustanza ta' ħsara
(24)	25154-52-3	246-672-0	Nonylphenols	X
	104-40-5	203-199-4	(4-(para)-nonylphenol)	
(25)	1806-26-4	217-302-5	Octylphenols	(X) (*)
	140-66-9	mhix applikabbli	(para-tert-octylphenol)	
(26)	608-93-5	210-172-5	Pentachlorobenzene	X
(27)	87-86-5	201-778-6	Il-pentaklorofenol	(X) (*)
(28)	mhix applikabbli	mhix applikabbli	Polyaromatic hydrocarbons	X
	50-32-8	200-028-5	(Benzo(a)pyrene),	
	205-99-2	205-911-9	(Benzo(b)fluoranthene),	
	191-24-2	205-883-8	(Benzo(g,h,i)perylene),	
	207-08-9	205-916-6	(Benzo(k)fluoranthene),	
	193-39-5	205-893-2	(Indeno(1,2,3-cd)pyrene)	
(29)	122-34-9	204-535-2	Simazine	(X) (*)
(30)	688-73-3	211-704-4	Tributyltin compounds	X
	36643-28-4	mhix applikabbli	(Tributyltin-cation)	
(31)	12002-48-1	234-413-4	Trichlorobenzenes	(X) (*)
	120-82-1	204-428-0	(1,2,4-Trichlorobenzene)	
(32)	67-66-3	200-663-8	Trichloromethane (Chloroform)	
(33)	1582-09-8	216-428-8	Trifluralin	(X) (*)

(\*) Fejn gruppi ta' sustanzi ntgħażlu, rappreżentanti individwali tipiċi huma elenkati bħala parametri indikattivi (f'parentesi u mingħajr numri). It-twaqqif ta' kontrolli għandu jkun ikkonċentrat fuq dawn is-sustanzi individwali, bla ma tiġi ppreġudikata l-inklużjoni ta' rappreżentanti individwali oħra, fejn ikun xieraq.

(\*\*) Dawn il-gruppi ta' sustanzi normalment jinkludu numru konsiderevoli ta' komposti individwali. Bħalissa parametri indikattivi xierqa ma jistgħux jingħataw.

(\*\*\*) Din is-sustanza prijoritarja hija suġġetta għal reviżjoni biex tiġi identifikata bħala 'sustanza prijoritarja ta' ħsara'. Il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-klassifika finali tagħha mhux aktar tard minn 12-il xahar wara l-adozzjoni ta' din il-lista. L-iskeda taż-żmien stabbilita fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 2000/60/KE għall-proposti tal-kontroll tal-Kummissjoni m'hix effettwata minn din ir-reviżjoni.

(\*\*\*\*) Huwa biss il-Pentabromobiphenylether (SAK- numru 32534-81-9).

(\*\*\*\*\*) Fluoranthene hija fuq il-lista bħala indikatur ta' Polyaromatic Hydrocarbons aktar perikolużi.

(1) SAK: Servizzi ta' Astratt Kimiku

(2) Numru-Eu: Inventarju Ewropew ta' Sustanzi Kummerċjali Kimiċi Eżistenti (EINECS) jew Lista Ewropea ta' Sustanzi Kimiċi Notifikati (ELINCS)."